# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# (Sede Kostituzzjonali)

## Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Numru 304/2023DC

***Dr Joseph Muscat***
***vs***
***L-Avukat ta'l-Istat***

Illum, il-5 ta' Lulju 2023

## Il-Qorti

Rat ir-Rikors[1] ta'l-għaqda Repubblika u tan-Nutar Robert Aquilina[2] preżentat fis-6 ta' Ġunju 2023 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi tablu biex jintervjenu fil-proċeduri odjerni.

Rat id-degriet mgħoti fis-6 ta' Ġunju 2023[3] permezz ta' liema giet ordnata in-notifka tar-rikors odjern lill-partijiet bi żmien sa'l-14 ta' Ġunju 2023 għar-risposta.

Rat ir-risposta ta'l-attur Dr Joseph Muscat[4], preżentata f'l-14 ta' Ġunju 2023 u r-risposta tal-konvenut l-Avukat ta' l-Istat[5], preżentata fit-13 ta' Ġunju 2023, permezz ta'liema opponew it-talba tar-Rikorrenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

---

[1] Ai fini ta'dan id-degriet imsejjaħ "ir-Rikors Odjern".
[2] Ai fini ta' dan id-degriet imejjħa "ir-Rikorrenti".
[3] A fol 25A.
[4] Ai fini ta' dan id-degriet imejjaħ "l-Attur".
[5] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "il-Konvenut"

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' rikors preżentata fil-5 ta' Ġunju 2022[6] l-Attur ippremetta li hemm inkjesta dwar l-*in genere* pendenti quddiem il-Maġistrat Dr Gabriella Vella dwar il-konċessjonijiet ta'l-isptarijiet, liema inkjesta inbdiet fuq inizjattiva ta'l-għadqa Rikorrenti; l-Attur jippremetti ukoll li f'din l-inkjesta huwa meqjus bħala suspettat. Minħabba sensiela ta' fatti li huwa jelenka fir-Rikors Promotur l-Attur jallega diversi istanzi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, primarjament dawk sanċiti permezz ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[7], pero anke drittijiet sanċiti permezz ta'l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Bħala rimedju aħħari l-Attur qed jitlob li l-atti ta'l-inkjesta jiġu assenjati lil Magistrat ieħor.

Illi permezz tar-Rikors Odjern ir-Rikorrenti jgħidu li huma għandhom "*interess dirett, konkret u sostanzjali*" fil-proċeduri odjerni. Dan għaliex:

1. kienet l-għaqda Rikorrenti li kienet talbet il-ftuħ ta'l-inkjesta fuq imsemmija; u
2. huma issemmew f'xi partijiet tar-Rikors Promotur; b'mod partikolari meta l-attur:
    i. jgħid li l-għaqda Rikorrenti għamlet denunzja kontra tiegħu;
    ii. jgħid li qabel u waqt it-tfixxija li saret fir-residenza tiegħu ir-Rikorrenti kienu ndikaw li jafu bid-degriet li ordna it-tfixxija u sahansitra kitbu fuqha fuq facebook u stennew barra r-residenza tiegħu;
    iii. jirreferi u jagħti l-interpretazzjoni tiegħu ta' dak li għamlet kitbet jew qalet l-għaqda rikorrenti;
    iv. flimkien mar-Rikors Promotur, preżenta screenshot ta' facebook post tan-Nutar rikorrenti.

Illi fil-kors tas-sottomissjonijiet tagħhom mbagħad ir-Rikorrenti jikkonfermaw li l-interess li a bazi tiegħu jgħidu li għandu jiġi permess lilhom jintervjenu fil-kawża huwa interess fis-sens wiesgħa tal-kelma u mhux l-interess ġuridiku. Huma jinsistu li meta si trattat ta' proċeduri dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali mhux rikjest interess ġuridku biex terz jintervjeni.

[6] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-Rikors Promotur".
[7] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjħa "il-Konvenzjoni".

Illi kemm l-Attur kif ukoll il-Konvenut qed jopponu t-talba odjerna. Eżami tar-risposti, kif ukoll tas-sottomissjonijet tagħhom juri li, għalkemm f'termini differenti u b'referenza għal ġurisprudenza li tvarja, l-oġġezzjoni tagħhom hija bażata fuq il-fatt li r-Rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest biex l-intervent tagħhom fil-proċeduri odjerni jiġi awtorizzat.

Illi l-partijiet kollha għamlu referenza ampja għall-ġurisprudenza li huma deherilhom li ssostni t-teżi tagħhom.

Ikkunsidrat

Illi fil-liġi tagħna huwa l-artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-intervent in statu et terminis

> *Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta'appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha.*

Illi fil-ġurisprudenza huwa ben stabbilit u ġie kostantement ritenut li:

> *nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha* ***un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri,****[8] egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte ...*
>
> *L` istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi*".[9]

[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[9] Ref sentenza mgħotija mil-Qorti ta'l-Appell nhar it-23 ta' Novembru 1898 fil-kawża *Stepton vs Spiteri*.

Illi f'sentenza mgħotija f'l-10 ta' Jannar 2005 fil-kawża *Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et* il-Qorti Kostituzzjonali, b'konferma ta' dan il-prinċipju, issa fil-kamp ta' kawżi dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, intqal hekk:

> *Issa, fil-liġi tagħna l-istitut ta' l-intervent fil-kawża hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. L-interess meħtieg sabiex wieħed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess ġuridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawża u mhux sempliċement interess fl-eżitu ta' dik il-kawża bil-ħsieb li dak l-eżitu jista' tal-volta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawżza jew kawżi oħra futuri (ara, passim, Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem ieħor,* ***l-intervenut fil-kawża jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipproteġi l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari*** *u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati. Fil-ka in diżamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu ......... ma hux interess dirett fil-kawża bejn Mario Galea Testaferrata et minn naħa u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech minn naħa l-oħra, izda sempliċement interess fl-eżitu in kwantu huma jibżghu li, galadarba jkun hemm eżitu ta' ċertu tip, dan l-eżżitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw.*

Illi saret referenza għal dan il-bran appena ċitat fis-sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, nhar l-14 ta' Jannar 2019 fil-kawża *Emanuel Delia vs l-Onorevoli Minsitru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et*. F'din is-sentenza l-Qorti, u b'approvazzjoni ta' dak li gie ritenut fil-sentenza Galea Testaferrata vs Il-Prim Ministru, ntqal li

> *il-Qorti Kostituzzjonali għamlet sewwa li ma akkordatx l-intervent fil-kawża in statu et terminis ta` ..... għaliex dawn il-persuni li talbu li jintervjenu ma kellhomx interess* **sostanzjali u dirett** *fil-kawża.*
>
> *Kellhom biss interess* ***fl-eżitu tagħha****, jew għaliex dak l-eżitu seta` jkollu effett fuq kawżi li diġa` kienu pendenti, liema kawżi ma kienux jirrigwardaw il-mertu ta` dik il-kawża, jew għaliex seta` jkollu effett fuq kawżi futuri li kellhom fi ħsiebhom li jistitwixxu.*

Illi l-ħtieġa li l-interess ta' min ikun irid jintervjeni f'proċeduri pendenti bejn terzi ikun wieħed sostanzjali u dirett, ġie konfermat f'sentenza ferm aktar riċenti, mgħotija fil-5 ta' Lulju 2022, ukoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kawża *Arnold Cassola vs l-Avukat ta'l-Istat*. F'din is-sentenza il-Qorti, b'referenza għall-ġurisprudenza dwar l-intervent in statu et terminis, inkluz dik il-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, ikkonkludiet li

> *L-interess meħtieg sabiex wieħed jintervjeni bis-saħħa tal-Artikolu 960 irid ikun interess ġuridiku, u ċioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawża u mhux sempliċement interess fl-eżitu ta' dik il-kawża bil-ħsieb li dak l-eżżitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawża jew kawżi oħra futuri.*

Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-insenjament tal-qrati tagħna, kostanti tul is-snin, ma jħalli l-ebda dubbju li biex terz jintervjeni f'kawża in statu et terminis irid jipprova li għandu interess ġuridiku: interess dirett u sostanzjali fil-kawża (ċioe prova li hu għandu interess x'jipproteġi f'dik il-kawża) u mhux f'l-eżitu tagħha. Il-ġurisprudenza tgħallem ukoll li din ir-regola tapplika indipendentement min-natura tal-kawża.

Illi anke f'dan ir-rigward il-Qorti ser tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza mgħotija fil-kawża *Emanuel Delia vs Il-Ministru tal-Ġustizzja*

> *Sabiex tkun hemm ammessa tintervjeni in statu et terminis, il-persuna trid tissodisfa lill-qorti li għandha interess.*
>
> *Riferibbilment għal dak li ssottometta Emanuel Delia fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, din il-Qorti tgħid illi dment li proċediment ikun kawża, il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn tipi ta` kawżi sabiex issir talba għal intervent in statu et terminis.*
>
> *Huwa evidenti mid-diċitura tad-disposizzjoni li* ***l-interess li jrid ikollha persuna sabiex titlob li tintervjeni f`kawża bejn terzi jgħodd għal kull xorta ta` kawża, kemm jekk tkun ordinarja, kemm jekk tkun ta` xejra kostituzzjonali, u kif ukoll jekk tkun fondata fuq disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni.***[10]
>
> *Tgħid dan għaliex l-Art 960 tal-Kap 12 għandu applikazzjoni wiesgħa u testendi għal kull kawża. Li kieku l-leġislatur ried li tip*

[10] Dan is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

> *ta` kawża partikolari tkun eskluża minn dak li ried li jkun applikabbli in linea generali, din il-Qorti tinsab konvinta illi kien jaħseb ghal dan diversament.*

Ikkunsidrat

Illi fir-rikors tagħhom ir-Rikorrenti kwotaw estensivament minn dik il-parti tas-sentenza fuq ċitata *Emanuel Delia vs l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja* fejn saret referenza għal kummentarju dwar prattiċi quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fir-rigward ta' *third party interventions*[11]. Dan il-kummentarju jispjega l-utilita ta' l-intervent da parti tal-varji entitajiet li lilhom ġie permess jintervjenu f'kawżi pendenti quddiem il-Qorti Ewropea. Ir-Rikorrenti ittentaw jikkonvinċu lill-Qorti li dawn il-prattiċi tal-Qorti Ewropea jikkonfermaw it-teżi tagħhom li l-interess rikjesti biex terz jintervjeni f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali pendenti quddiem il-Qrati domestiċi huwa interess ġenerali u mhux interess ġuridiku kif fuq spjegat. Il-Qorti pero hija konvinta mill-oppost.

Illi għandu jiġi kjarifikat li kuntrarjament għal dak li jgħidu ir-Rikorrenti, u kif diġa ntqal, fis-sentenza Emanuel Delia vs l-Onorevoli Minsitru għall-Ġustizzja, il-Qorti esprimenti ruħha f'termini cari u tondi fis-sens li l-interess ta'l-intervenut fil-kawża, hi x'inhi l-kawża, irid ikun wieħed skond dak li jipprovdi l-artikolu 960 u allura interess ġuridiku. Ir-referenza għall-kummentarju dwar third party interventions f'dik is-sentenza ma kienx intiż biex jikkontradixxi dak li qalet l-istess Qorti imma sempliċiment biex issaħħaħ l-arġument li l-intervent huwa permess anke f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali, dan pero purche jiġi pruvat l-interess ġuridiku.

Illi għal kull bon fini l-Qorti ser tagħmel referenza għal xi brani minn dan il-kummentarju kif ċitat fis-sentenża imsemmija.

Illi minn dan il-kummentarju jidher li anke quddiem il-Qorti Ewropea l-intervent fil-kawża għandu skop speċifiku u cioe

> *to provide the court with information to assist it in reaching its decision; as such it is also known as amicus curiae, or "friend of the court". A third party intervention should endeavour to objectively present law and practices relevant to the case. Third party interventions are usually made concerning cases which carry the potential of having a broad impact beyond the direct*

[11] Kummentary ta' Paul Harvey: Third Party Interventions befroe the EctHR: A Rough Guide

> *parties involved in an effort to ensure the development of good precedents and jurisprudence. Most often third party interventions before the European Court of Human Rights are brought by NGOs or academic centers to bring to light the latest standards of international human rights law and comparative jurisprudence and practices.*

Illi pero dan il-kummentarju jirrileva li l-intervenut ma jistax jesprimi ruħhu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz li qed jiġi trattat, punt li ma jissemmiex fis-sottomissjonijiet tar-Rikorrenti. F'dan ir-rigward il-kummentarju jjispeċifika li:

> *The well-established rule is that a third party intervener should not comment on the facts or merits of the case.*

Illi aktar minn hekk u b'referenza għall-iskop limitat, anke quddiem il-Qorti Ewropea, ta' l-intervent fil-kawża, u kif dan jista' jiġi abbużat, l-istess kummentarju jelabora hekk:

> *It should be self-evident from this survey that the Court has generally been well served by third party interventions. I do, though, use the word 'generally' advisedly. It has been an unfortunate consequence of the increase in third party interventions in recent years that not all such interventions have been as useful or as mindful of the purpose of third party interventions as the examples set out above. The well-established rule is that a third party intervener should not comment on the facts or merits of the case. Yet too often that rule is either expressly or implicitly flouted.* ***Too often third party interventions have passed from being welcome and valued amicus curiae to being animus curiae****. However sincere and well intentioned such interventions are,* ***they often leave the impression that the intervention has been made, not out of a desire to assist the Court, but so that the intervener can be seen to have intervened.***[12]

Ikkunsidrat

Illi stabbilit li, indipendentement mix-xejra tal-kawża, l-intervent in statu et terminis jirrikjedi interess ġuridiku, il-mistoqsija li issa trid tiġi interposta hija: ir-Rikorrenti għandhom dak l-intersss ġuridiku neċessarju biex jiġi

[12] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

ġustifikat l-intervent tagħhom fil-proċeduri odjerni. Fil-fehma ta' din il-Qorti ir-risposta għal din il-mistoqsija hija fin-negattiv; dan għaliex, fit-termini tas-sentenza *Mario Galea Testaferrat vs Il-Prim Ministru et,* ma urewx li għandhom *interessi, sostanzjali u diretti, x'jipproteġu fil-proċeduri odjerni.*

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-premessi fir-Rikors Odjern fejn ir-Rikorrenti rabtu l-interess allegat tagħhom mal-fatt li kienet l-għaqda Rikorrenti li talbet il-ftuħ ta'l-inkjesta in eżami u mal-fatt li ż-żewġ Rikorrenti issemmew fir-Rikors Promotur. Dan ġie konfermat fil-parti inizjali tas-sottomissjonijiet pero f'dak l-istadju r-Rikorrenti rabtu l-interess allegat tagħhom ukoll mal-fatt li l-għaqda Rikorrenti hija l-unika assoċjazzjoni f'Malta li tippromwovi u timmilita favur is-saltna tad-dritt.

Illi pero dawn il-fatti fihom infushom u wahedhom ma jammontawx għal dak l-interess ġuridikau fuq spejgat. Dan il-Qorti tgħidu anke meta tieħu in konsiderazzjoni l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali mgħotij primarjament fil-kawza *Onor Simon Busuttil vs l-Avukat Generali* bis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2019.

Illi f'dak il-kaz l-Onor Simon Busuttil kien għamel denunżja quddiem Maġistrat u talab li tinbeda inkjesta; it-talba intlqgħet. Il-persuni indikati bħala suspettati fid-denunzja appellaw. L-Onor Busuttil talab ir-rikuża ta' l-Imħallef li kien qed jisma' l-appell; din it-talba giet miċħuda għalhekk huwa proċeda b'kawża kostituzzjonali biex jattakka dik l-aħħar deċiżjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-Onor Busuttil ma kellux victim status (interess ġuridiku fil-lingwaġġ tal-Konvenzjoni) li kien meħtieg biex huwa jattakka d-deċiżjoni.[13]

Illi b'l-istess mod ma jistax jingħad li r-Rikorrenti urew li għadhom l-interess ġuridiku rikjest biex jithallew jintervjenu fil-proċeduri odjerni.

Illi fil-verita dan huwa konfermat mir-Rikorrenti stess. Referenza hawn issir għall-parti inizjali tas-sottomissjonijiet magħmula f'isimhom meta ntqal li l-għaqda Rikorrenti hija l-unika assoċjazzjoni f'Malta li tippromwovi u timmilita favur is-saltna tad-dritt u allura "*iva għandha dritt, għandha*

[13] Kaz simili, għalkemm kien jikkoncerna procedura ta' sfida u mhux inkjesta, huwa dak f'l-ismijiet Repuubblika vs l-Avukat ta'l-Istat li saret referenza għalih aktar 'l fuq. Fuq il-punt iss in eżami u cioe in-nuqqas ta' victim status ta'l-għaqda Repubblika pronunzjat ruħha il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mgħotija fil-31 ta' Mejju 2023.

*interess, u* ***nenfasizza l-kelma interess, mhux interess ġuridiku*** *hawnhekk irridu nitkellmu, qegħdin fil-kostituzzjonal ...*"[14].

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tiċħad it-talba tar-Rikorrenti, l-għaqda Repubblika u n-Nutar Robert Aquilina, dedotta fir-rikors tas-6 ta' Ġunju 2023, b'l-ispejjez kontra tagħhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

[14] Ref fol 59